**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 11 ta' Lulju, 2001**

**Numru 14**
**Citaz. Nru. 1334/92 FD**

**Natalie Schembri**
**vs**
**Saviour Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici Natalie Schembri hija mart il-konvenut l-imsemmi Saviour Bonnici, kienu jghixu fil-fond Belleview Flats, Flat 6, Triq is-Sghajtar, Mosta li fih ghad hekk diversi mobbli appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti;

Premess illi l-attrici presentement ghandha pendenti kawza ta' separazzjoni personali kontra zewgha (Citaz. Nru. 843/91 FD);

Premess illi l-attrici ghandha wkoll kawza ohra ta' spoll kontra zewgha stante li huwa abbuzivament biddel is-serratura tal-bieb tal-fond in kwistjoni biex jimpedixxi lill-attrici milli tidhol fil-fond (Citaz. Nru. 761/91 FD);

Premess illi l-konvenut ghandu access ghall-imsemmi fond u taht xahrejn ilu bi pregudizzju ghad-drittijiet naxxenti minn kull sehem li jista' talvolta jkun spettanti lilha mil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa unilateralment u abbuzivament ippossessa ruhu mill-mobbli li jiffurmaw il-kamra tas-sodda li hemm fl-imsemmi fond u ttrasportahom f'post iehor;

Premess illi dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ghaliex l-istess konvenut qieghed jippriva lill-attrici mill-pussess u tgawdija ta' l-imsemmija mobbli;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll meta abbuzivament u klandestinament huwa ppossessa ruhu mill-mobbli li jiffurmaw il-kamra tas-sodda gewwa l-fond Flat 6, Belleview Flats, Triq is-Sghajtar Mosta u ttraspportahom f'post iehor;

2. Tordna lill-konvenut jirriintegra lill-attrici fil-pussess ta' l-imsemmija mobbli u dan fi zmien qasir u perentorju kif joghgobha tipprefiggi din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Saviour Bonnici illi fiha huwa ecceppixxa:

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

2. Illi barra il-kawzi imsemmija fic-citazzjoni hemm zewg kawzi ohra fl-ismijiet inversi wahda dwar spoll li l-attrici kienet ikkummettiet kontra tieghu u l-ohra ta' annulament bin-numri 704/91 u 845/91; u li jkun fl-interess tal-gudizzju li din il-kawza timxi ma' l-ohrajn;

3. Illi l-konvenut ma kkummetta l-ebda spoll u zgur li ma sar ebda spoll fix-xahrejn imsemmija u lanqas qabel;

4. Illi l-attrici telqet mid-dar ma kelliex pussess ta' l-oggetti imsemmija fic-citazzjoni, anzi kienet hi li kkommettiet spoll fil-konfront tal-konvenut meta hadet oggetti indikati fic-citazzjoni fuq imsemmija;

5. Illi l-ghamara indikata hi parafernali u ghalhekk ma tiffurmax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

6. Illi din il-kawza ghandha ghall-ahjar interess tal-gudizzju timxi mal-kawzi l-ohra infraskritti;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-istess konvenut u li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-meritu ta' din il-kawza kien diga` meritu ta' kawza ohra diversament preseduta u ghalhekk din il-kawza ma tistax tregi;

U ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat is-Sentenza moghtija mill-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Mejju 1994;

Rat l-atti tal-kawza Citazzjoni Numru 843/91 li dwarha l-partijiet qablu li jaghmlu riferenza u li qeghda tigi deciza illum stess;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara li l-konvenut kien ikkommetta spoll fil-konfronti taghha meta huwa pposessa ruhu mill-mobbli li jiffurmaw il-kamra tas-sodda tad-dar matrimonjali u talbet li jigi ordnat li jirri-integra l-attrici fil-pussess taghha ta' l-istess mobbli;

Illi fl-imsemmija sentenza tas-27 ta' Mejju 1994 din il-Qorti diversament ppreseduta kienet akkoljiet l-eccezzjoni ulterjuri *lis alibi pendens* u ghalhekk iddikjarat ruhha inkompetenti li tkompli tisma' l-kawza minhabba li kien hemm kawza ohra ta' spoll bejn il-kontendenti bin-numru 761/91 u ordnat li l-atti ta' din il-kawza jigu mibghuta lil dina l-Qorti kif preseduta biex tkompli tisma' l-kawza;

Illi dina hija kawza ta' spoll intentata mill-attrici u hija wahda minn sensiela ta' tlett kawzi simili pprezentati mill-kontendenti;

Jigi pero` rilevat illi l-provi kollha relattivi ingabru fil-kawza l-ohra aktar wisgha, cioe` dik tas-separazzjoni personali bejn il-kontendneti u li fiha l-oggetti kollha indikati f'din ic-citazzjoni kienu parti minnha;

Illi l-kawza l-ohra, kif inghad, giet ukoll deciza illum stess u ghalhekk il-Qorti taghmel ampja referenza ghaliha;

Illi c-citazzjoni odjerna gietypprezentata wara li l-attrici flimkien mal-familjari taghha sfurzaw il-bieb tad-dar matrimonjali u intebhu li kien hemm nieqsa hames oggetti indikati fl-affidavit ta' l-istess attrici a fol. 17 u 18 ta' dan il-process;

Jigi rilevat li dawn l-oggetti indikati huma kollha ta' daqs limitat u facilment jigu imcaqalqin minn post ghal iehor u rrizulta wkoll li f'dak il-mument il-kontendenti kienu separati *de facto*;

Illi l-attrici tispicca l-affidavit taghha billi tghid li sussegwentement il-konvenut hareg ukoll l-ghamara tal-kamra tas-sodda u l-fitted carpets minn gol-flat; illi fic-cirkostanzi ma sabitx provi bizzejjed biex jiggustifikaw it-talba ghal kundanna ta' spoll;

Illi l-Qorti tifhem li l-kontendenti ma resqux provi sufficjenti dwar il-materja ta' din il-kawza pero` f'kull kaz tirrileva li l-oggetti imsemmija kif ukoll l-beni kollha li kellhom il-kontendenti jiffurmaw parti mill-beni divizi fil-kawza l-ohra ta' separazzjoni imsemmija bin-numru 843/91 u li ghaliha l-Qorti qed taghmel ampja referenza.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li taghmel referenza ghas-sentenzi moghtija dalghodu fil-kawzi pendenti bejn il-kontendenti u

l-aktar dik ta' separazzjoni bejn il-kontendenti bin-numru 843/91;

Tichad l-Ewwel Domanda u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Domanda kif formolati f'din ic-citazzjoni.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur